**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Clayton Camilleri)**

**-vs-**

**James Scerri, detentur tal-karta tal-identità 348891(M),**

*Kumpilazzjoni Nru. 1994/2025*

Illum, **3 ta' Marzu, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **James Scerri** u ċioè talli:

Matul il-lejl tas-16 ta' Frar 2025 tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta ta 22:15hrs, ġewwa l-gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, jiksru dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe` lil **PS 1194 Christopher Debrincat, kif ukoll lil PC 927 Joseph Camilleri** fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew t'ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorità' kompetenti u dan **bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna **PS 1194 Christopher Debrincat, kif ukoll lil PC 927 Joseph Camilleri** inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jagħmlu jew minħabba li kienu qeghdin jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-

eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan **bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-hajja ta' **PS 1194 Christopher Debrincat** f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn **Dr. Daniel Desira med. Reg. no. 4682** u dan **bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-hajja ta' **PC 927 Joseph Camilleri** f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn **Dr. Daniel Desira med. Reg. no. 4682** u dan **bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

*5.* U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb ghal **PS 1194 Christopher Debrincat** sabiex jinġurjah, iddejqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod u dan **bi ksur** ***tal-Artikolu 339(1)(d) tal- Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta;***

*6.* U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb ghal **PC 927 Joseph Camilleri** sabiex jinġurjah, iddejjaq jew jagħmillu ħsara b'xi mod u dan **bi ksur** ***tal-Artikolu 339(1)(d) tal- Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta;***

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn **PS 1194 Christopher Debrincat** uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmiru u dan **bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn **PC 927 Joseph Camilleri** uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmiru u dan **bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b`nuqqas ta ħsieb, bi traskuraġni jew b`nuqqas ta` ħila fl-arti jew professjoni, jew b`nuqqas ta` tħaris ta` regolamenti kkaġuna hsarat fuq infrastruttura tal-Gvern ta' Malta għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan **bi ksur tal-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew l-bon ordni b`għajjat u/jew ġlied u dan **bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu il-vettura ta' għamla Nissan Qashqai bin-numru ta'

reġistrazzjoni GCL949 fi triq jew f'post pubbliku iehor meta kien ikkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt **bi ksur tal-Artikolu 15B(1) Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta.**

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bil-mutur ta' għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni GCL949, saq b'manjiera perikoluża u bla kont u dan **bi ksur tal-Artikolu 15(1) (a) Kap.65 tal-Ligijiet ta` Malta**

13. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bil-mutur ta' għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni GCL949, saq b'manjiera perikoluża u dan **bi ksur tal-Artikolu 15(1) (a) Kap.65 tal-Ligijiet ta` Malta**

14. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar is-17 ta' Frar, 2025, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali moqrija flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi mill-fatti kif deskritti fil-Current Incident Report il-fatt ta' dan il-każ jinkwadraw wriehom fir-reat kontemplat bl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali u mhux f'dak kontemplat bl-artikolu 95 tal-Kodiċi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali netta tiegħu li mhux waħda li toħloq tħassib għal Qorti w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.

Illi bejn l-ewwel (1) it-tielet (3), ir-raba (4) u l-erbatax (14) il-imputazzjoni japplika l-prinċipju ta' konkors formali tal-pieni, bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe l-ewwel imputazzjoni.

Illi bejn l-imputazzjonijiet numru tnejn (2), ħamsa (5) u sitta (6) japplika l-istess prinċipju, iżda kif ġa ingħad il-fattispecie ta' dan ir-reat jinkwadraw fl-ewwel imputazzjoni w għaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Irid jingħad li l-ħames (5) u sitt (6) imputazzjonijiet kif ukoll is-seba' (7) u tmien (8) imputazzjonijiet jikkonċernaw l-istess reat ghalkemm jikkonċernaw uffiċjali tal-pulizija differenti. Imbghad it-tnax (12) u t-tlettax (13) imputazzjonijiet tirrigwarda reat wieħed, u ċioe dak taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment ma jistax ma jissemmiex l-għemil vjolenti tal-imputat versu PS1194 fejn, b'xorti tajba, ma kienx hemm aktar konsegwenzi serji. Ittieħed kont ukoll li r-reżistenza tal-imputat twettqet fuq żewġ uffiċjali tal-pulizija.

Il-Qorti qeda fi dmir li permezz tas-sentenzi tagħha turi li vjolenza fuq uffiċjali tal-pulizija ma għandha qatt tiġi tollerata jew skużata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2), ħamsa (5) u sitta (6), wara li rat l-artikoli 17(b)(f), 31, 96, 214, 215, 221(1), 338(dd)(ee), 339(e) u 328(d ) tal-Kodiċi Kriminali, u l-artikoli 15(1)(a), 15B(1) u 15H(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah għal **sitt (6) xhur priġunerija** minn liema perjodu għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv, kif ukoll għal multa ta' **erbat elef, erba' mija ħamsa u tmenin ewro (€4,850)** li jridu jitħallsu ratejalment fi żmien sentejn millum.

Fin-nuqqas li dan l-ammont ma jitħallasx fi żmien stipulat dan għandu jiġi konvertit f'terminu ta' priġunerija.

Finalment ai termini tal-artikoli 15(3) u 15(H)(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat qed jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' sentejn (2) millum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lil Transport Malta (Land Transport Directorate).

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**